MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008

Numru 102/2002

Mariano u Giuseppa konjuġi Zammit

vs

Joseph u Publia konjuġi Xerri.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-atturi huma l-proprjetarji u l-attwali pussessuri tal-fond bin-numru tmienja u erbgħin (48) ġia numru erbgħa u ħamsin (54), Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex;

Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Awwissu 2002, il-konvenuti bi vjolenza u klandestinament u bi ħsieb li jeżerċitaw xi dritt li huma jippretendu li għandhom fuq parti mill-fond hawn fuq deskritt qabdu u għalqu b’mod permanenti bieb li jiġi taħt l-għorfa mġarrfa li tifforma parti mill-lok tad-djar hawn fuq

imsemmi, liema bieb kien jagħti għal kuridur li jifforma parti integrali mill-fond hawn fuq imsemmi;

Illi dana kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin di fronti tal-istess atturi, li jridu jiġu reintegrati fl-ispoll kommess mill-istess konvenuti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:
1. Tiddikjara illi l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestina fil-konfront tal-istess atturi, li għandhom kull dritt li jiġu reintegrati fil-pussess tal-fond kollu hawn fuq imsemmi;

2. Tikkundanna, għalhekk, lill-istess konvenuti sabiex fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jirreintigraw lill-atturi fil-pussess pjen tad-drittijiet tagħhom billi jiftħu l-bieb li imbarraw bil-ġebel u jerġgħu jpoġġu kollox kif qabel ma ġie kkommess l-istess spoll, u dana taħt id-direzzjoni ta' perit nominat għall-istess fini;

3. u fin-nuqqas għaliex l-istess atturi m'għandhomx jiġi awtorizzati li jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji huma għas-spejjeż tal-istess konvenuti sabiex huma jiġu reintegrati fid-drittijiet tagħhom fuq l-istess fond u dana taħt id-direzzjoni ta' perit nominat għall-istess fini.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-istess kionvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka.

B'riserva ukoll għal tal-azzjoni għad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata minn Mariano Zammit.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi fil-każ odjern jonqsu tnejn mit-tlett elementi rikjesti għall-eżercizzju b'suċċess ta' kawża ta' spoll, u ċioe' il-pussess, u spoljazzjoni.

2. Illi infatti l-atturi la kienu fil-pussess tal-fond numru tmienja u erbgħin (48) ġia numru erbgħa u ħamsin (54), Triq Santa Katerina, Xewkija – għaliex sa ftit jiem qabel it-22 ta' Awwissu 2002 dan il-fond kien fil-pussess tal-esponenti; u wisq u wisq anqas ma kienux fil-pussess tal-kuritur illi jinsab 'il ġewwa mill-bieb illi dwaru qed jilmentaw l-atturi għaliex dan il-kuritur minn dejjem kien jifforma parti integrali mid-dar tal-esponenti u kien u baqa' dejjem fil-pussess tal-esponenti u ta' ħadd aktar.

3. illi lanqas ma jista jiġi argumentat illi saret xi spoljazzjoni da parti tal-esponenti meta huma bnew il-ħajt in kwistjoni. Il-fatti kienu illi oriġinarjament iż-żewġ fondi – dak tal-atturi fuq naħa u tal-konvenuti fuq in-naħa l-oħra kienu jippartjenu lil Ganna Spiteri z-zija tal-attriċi u z-zija ta' omm il-konvenuta. Dawn iż-żewġ fondi kienu minn dejjem separati minn xulxin; u dak illum tal-atturi kien mikri lil ċertu Bernardu Xuereb. F'xi żmien Bernardu Xuereb kien irrilaxxja l-pussess tal-fond mikri lilu lil Ganna Spiteri. Dak iż-żmien l-esponenti Publia Xerri kienet tieħu ħsieb u tippresta kuri lil Ganna Spiteri. Fl-aħħar ta' xjuħitha, din Ganna Spiteri xtaqet illi tiftaħ bieb sabiex b'hekk tkun tista' tgħaddi minn fond għal ieħor mingħajr ħtieġa illi toqgħod toħroġ fit-triq. Dan sar ftit xhur qabel ma mietet Giovanna Spiteri – liema mewt seħħet preċiżament seba' snin ilu. Dan il-bieb kien infetaħ proprju fil-parti fejn illum inbena il-ħajt lamentat. Dak iż-żmien illi infetaħ dan il-bieb Giovanna Spiteri kienet ġia biegħet il-fond lill-attriċi odjerna, imma kien għadu fil-pussess ta' Giovanna Spiteri. Wara l-mewt ta' Giovanna Spiteri, il-fond ilum proprjeta' tal-attriċi odjerna baqa' fil-pussess ta' l-esponenti. Kien biss f''Awissu 2002 illi l-attrici talbet dan il-pussess lura; u l-esponenti mill-ewwel laqgħet dik it-talba u rrilaxxjat il-pussess. Ovvjament, meta għamlet hekk l-esponenti ħadet ħsieb illi tagħlaq l-aperturi kollha illi kienu jagħtu minn proprjeta' għall-oħra; inkluż il-bieb illi kienet fetħet Giovanna Spiteri, tieqa li mit-taraġ tal-esponenti tagħti għal fuq il-bitħa tal-attriċi, u qalgħet il-wires illi kienu jgħaddu bejn iż-żewġ proprjetajiet. L-attriċi taf ben tajjeb illi dan kollu sar regolarment u bla ebda animus spoliandi; u hija u żewġha t-tnejn irrikonoxxedw fil-preżenza tal-avukati rispettivi illi l-kuritur illi hemm wara l-bieb de quo

kien minn dejjem jappartjeni lill-konvenuti u mhux lilhom. Il-kwistjoni kollha inqalgħet mhux dwar l-allegat spoll (illi llum qiegħed iservi biss ta' skuża) imma għaliex l-atturi riedu illi jaqilgħu u jibdlu ħajt diviżorju bejn iż-żewġ fondi rispettivi, u l-esponenti ma aċċettawx din it-talba għaliex jinsabu ċerti illi jekk jinqala' dan il-ħajt huma ser isofru danni inġenti fit-taraġ tal-irħam tagħhom illi hemm soprastanti u ngastat b'dak il-ħajt.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Publia Xerri.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u d-dokumenti oħra esebiti.

Rat il-verbal tagħha tas-7 ta' Mejju 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali*

*tal-Ġurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Civili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi); …..".*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaga spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll (*infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

Dwar din l-azzjoni l-**Mattirolo** jispjega illi:

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus"****. Il*

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII. II. 975 .
[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86 .

*perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Fit-tielet eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jgħidu li ma kellhomx *animus spogliandi* meta wettqu l-att lamentat. Imma kuntrarjament għad-dottrina kontinentali, l-liġi tagħna ma tirrikjedix ukoll l-*animus spoliandi,* f'kawża ta' dan it-tip għax, kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell:

"*B'liema motiv jew animu* (il-konvenut) *għamel hekk, huwa għal kollox irrilevanti. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni tesprimi ruħha fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Marzu 1992, in re C. Cardona vs Francesco Tabone et: 'il-liġi tagħna - fl-azzjoni ta' l-ispoll - jiġifieri fil-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili - ma tagħtix lok għal ebda indaġini oħra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' li spoll. Indaġini limitattissima rigoruża u skarna li ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u għalhekk, bir-rispett kollu għal deċiżjonijiet li ppermettew indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani, huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta' l-ordinament ġuridiku tagħna….. L-azzjoni ta' spoll hija konċepita bħala azzjoni rapida u effikaċi għall-iskop li ma tħalli 'l ħadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiża unikament biex iġġiegħel lill-konvenut li jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss - kif jgħid bl-aktar mod ċar l-art. 791(1) Kap. 12 li sfortunatament jiġi ħafna drabi injorat*.' " [4]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit biss jekk fil-każ in eżami jeżistux it-tliet elementi hawn fuq imsemmija. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw mill-fatt li l-konvenuti mblukkaw bil-ġebel tal-kantun bieb li mill-fond tal-konvenuti kien jinfed għall-

---

[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta. ed. 1902 Torino, para. 271 .
[4] Rosina Agius et. vs  Angelo Agius et 2; kollez. vol. LXXVIII. pt. II. P 319.

fond tagħhom. Li ġie effettivament imblukkat dan il-bieb mhux qed jiġi kontestat mill-konvenuti.

Lanqas ma ġie nnegat illi dan ġara f'anqas mix-xahrejn rikjesti mil-liġi għal promozzjoni ta' kawża bħal din. L-atturi jsostnu fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni tagħhom illi l-att spoljattiv, u ċioe' l-imblukkar tal-bieb in kwistjoni, seħħ fit-22 ta' Awwissu 2002. Dan ma ġiex innegat mill-konvenuti. Il-kawża preżenti ġiet intavolata fid-9 ta' Ottubru 2002 u allura entro t-terminu ta' xahrejn rikjest mil-liġi.

Il-konvenuti pero' jikkontestaw il-pretensjoni ta' l-atturi illi dawn qatt kellhom xi **pussess** kif trid il-liġi fi ħwejjeġ simili, sabiex ikun jista' jingħad illi huma ġew disturbati f'dan il-pussess, u għalhekk intitolati għar-reintegazzjoni. Infatti fin-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti jissottomettu illi l-atturi f'dan il-każ ma pprovawx li huma kienu fil-pussess ta' aċċess liberu minn dan il-bieb għal ġewwa l-fond tal-konvenuti.

Dwar l-element tal-*possedisse* li huwa wkoll meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi –"**possession of whatever kind**" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero' teżiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[5]

Huwa ferm pertinenti x'jgħid l-awtur taljan ġia ċitat f'dan ir-rigward:

---

[5] Fenech vs Zammit gia citata .

"*E' vivamente controverso se l'azione di reintergrazione, oltre al possessore, competa al detentor, cioe' a colui che ritiene la cosa a nome altrui. A nostro avviso, la risoluzione della questione dipende esclusivamente dal vedere se il detentore sia, o no, un possessore: perche', se lo e', l'azione di reintegrazione, che e' accordata pel possesso 'qualunque esso sia' (art. 695), non potra' al certo essergli negata.*

*Giusta la definizione, che l'articolo 685 ne da' del possesso, questo puo' cadere tanto sulle cose corporali, quanto sulle incorporali…; nel primo caso, esso si presenta sotto la forma della detenzione di una cosa; nel secondo, sotto l'aspetto del godimneto di un diritto che si esercita. Ma in entrambi i casi, a costituire il possesso sono necessari due elementi: il corpo e l'animo; cioe' il fatto esteriore della detenzione della cosa o dell'esercizio del diritto; l'animo, ossia la volonta' del possessore di possedere per se'.*

*Questa volonta', quest'animo, secondo la nozione odierna del possesso, occorre in diversi modi, secondo che si tratti – del possesso legittimo, tutelato dall'azione di manutenzione – o del possesso semplice, garantito soltanto con l'azione di reintegrazione - : pel primo e' necessario l'animus domini, val quanto dire la volonta' di ritenere la cosa come propria, di esercitare il diritto come proprio: pel secondo, basta l'animo nel possessore di tenere la cosa o l'esercizio del diritto per se', independentemente da ogni pretesa sulla proprieta' della cosa, sulla spettanza del diritto che di fatto si esercita."*[6]

Din tidher li hija wkoll il-pożizzjoni fil-liġi tagħna. Infatti sew l-artikolu 535 tal-Kap. 16, kemm l-art. 791 tal-Kap. 12 isemmu li tenħtieġ il-prova tal-"***fatt tal-pussess jew detenzjoni***" u mhux "il-pussess" biss. La din mhix kawża ta' manutenzjoni tal-pussess ma hi allura meħtieġa l-ebda prova ta' pussess leġittimu.

[6] op. cit. Footnote pag. 255 – 256 .

Irriżulta fil-każ in eżami, illi ċerta Ganna Spiteri, bħala l-proprjetarja oriġinali sew tal-fond tal-konvenuti, fi Triq il-Kbira, ix-Xewkija, kif ukoll dak ta' l-atturi, fi Triq Santa Katerina, kantuniera 'l bogħod minn xulxin, kienet fetħet dan il-bieb meta kienet bdiet tavanza fl-eta' biex tiffranka li toqgħod toħroġ mid-dar residenzjali tagħha fi Triq il-Kbira, ħalli taċċedi għall-fond l-ieħor. Fil-fatt il-konvenut stess kien ħa sehem fix-xogħlijiet li kienu meħtieġa sabiex jinfetaħ dan il-bieb. Il-bieb infetaħ billi tneħħa d-dahar ta' armarju li kien hemm f'kamra żgħira ta' taħt it-taraġ. Peress li kien hemm diżlivell ta' xi żewġ filati bejn l-art tar-residenza tagħha u l-fond l-ieħor, saret ukoll tarġa tal-konkos taħt dan il-bieb fil-kamra ta' barra  tal-fond l-ieħor ħalli jiġi faċilitat l-aċċess għaliha.[7]

Sadanittant din Ganna Spiteri kienet biegħet il-fond fi Triq Santa Katerina lill-atturi, bil-kondizzjoni pero' li hija tibqa' tgawdi l-istess fond sa mewtha. Wara li ġiet nieqsa din Ganna Spiteri, l-atturi bħala eredi universali tagħha, u li kienu jirrisjedu ma' l-istess Ganna Spiteri fl-aħħar snin ta' ħajjitha, talbu lill-atturi biex jippermettulhom iżommu ż-żiemel tagħhom fil-fond ta' Triq Santa Katerina. L-atturi aċċettaw, u nfatti ġiet iffirmata skrittura privata li kienet tgħid li l-konvenuti kienu qed jokkupaw il-fond ta' l-atturi b'mera tolleranza.[8] Madankollu l-atturi ingħataw xorta waħda ċavetta tal-fond tagħhom biex ikunu jistgħu jidħlu fih liberament.

Meta xi żmien wara l-atturi tħajru jiżviluppaw il-fond tagħhom fi Triq il-Kbira, billi jwaqqgħu l-bini qadim eżistenti u josstitwuh b'fond ġdid konsistenti f'*garage* u *studio appartment* fuqu,[9] talbu lill-konvenuti biex joħorġu ż-żiemel tagħhom minn dan il-fond  u dawn kienu pronti għamlu hekk. Sussegwentement l-atturi daħħlu *draughtsman* fil-fond tagħhom biex jieħu l-miżurazjonijiet meħtieġa, u dan ġie segwit xi jiem wara bil-perit Teddie Busuttil li ġie nkarigat mill-atturi ħalli jħejji l-pjanti u permessi relattivi. Il-perit Busuttil kien ukoll akkumpanjat

---

[7] ara verbal ta' l-aċċess fuq il-post miżmum minn din il-Qorti fit-23.04.2008 fejn tinghata deskirzzjoni dettaljata .
[8] Dok. B a fol. 62 tal-proċess .
[9] ara pjanti a fol. 30, 31 tal-process

minn fotografu li kellu jieħu xi ritratti tal-fond fl-istat li fih kien jinsab dakinhar. Billi ma kienx hemm aċċess għas-sular ta' fuq fil-fond ta' l-atturi, għaliex il-garigor li kien jagħti għal dak is-sular kien imwaqqa', imma dan l-aċċess seta' jsir mill-fond tal-konvenuti, u dak il-ħin il-konvenuti ma kienux id-dar, il-perit staqsa lill-attur jekk setgħux jidħlu f'dan il-fond mill-bieb li kien hemm jinfed għalieh, u l-attur wieġeb li kien talab permess mingħand il-konvenuti biex jagħmlu hekk.

Madankollu hekk kif ftit wara l-konvenuti saru jafu li l-atturi kienu daħlulhom bil-barranin fil-fond tagħhom mingħajr ebda kunsens, huma qabdu u mblukkaw dan il-bieb. Li jrid issa jiġi stabilit minn din il-Qorti, għall-fini tal-"pussess" tutelat mil-liġi, mhux sempliċement l-eżistenza ta' dan il-bieb bejn iż-żewġ fondi qabel ma ngħalaq mill-konvenuti, ħaġa li qatt ma ġiet innegata, imma wkoll li qabel ma twettaq dan l-att l-atturi kienu liberi li jaċċedu mill-fond tagħhom għal dak tal-konvenuti, x'ħin u meta riedu u mingħajr il-kunsens ta' ħadd, permezz ta' dan il-bieb. Mill-provi li rriżultaw f'din il-kawża jidher evidenti li dan qatt ma kien il-każ. L-ewwelnett nafu illi dan il-bieb kien infetaħ mill-aventi kawża taż-żewġ naħat biex jiġi faċilitat l-aċċess mill-fond residenzjali tagħha għall-fond l-ieħor u mhux viċe-versa. Minkejja illi l-atturi kienu akkwistaw il-fond ta' Triq Santa Katerina, dan il-bieb baqa' xorta waħda miftuh, billi Ganna Spiteri żammet id-dritt tat-tgawdija tiegħu *durante vita*. Terġa' nżamm ukoll miftuħ anke wara l-mewt tagħha, għax il-konvenuti ngħataw il-fakolta' li jżommu ż-żiemel tagħhom f'dan il-fond. Dawn kollha fatturi li jindikaw illi l-bieb in kwistjoni infetaħ u nżamm miftuħ għall-benefiċċju uniku tal-fond ta' Triq il-Kbira. Minn naħa l-oħra l-konvenuti ma ressqu l-anqas l-iċken prova illi huma f'xi ħin jew ieħor kellhom aċċess liberu għall-istess fond. Anzi l-unika darba li rriżulta ammess li huma daħlu fil-fond tal-konvenuti permezz ta' dan il-bieb, kien fl-okkażżjoni li ħadu l-perit tagħhom biex ikejjel, u kif stqarr il-perit Busuttil fid-depożizzjoni tiegħu, huwa fuq domanda speċifika tiegħu, ġie assikurat mill-attur li kellu l-awtorizżazzjoni tal-konvenuti biex jaċċedi minn hemm għal ġol-fond tagħhom. Huwa sinjifikanti li l-attur qatt ma

qallu li ma kellu bżonn ebda kunsens, kif kien ikun il-każ kieku tassew kellu aċċess liberu minn dan il-bieb.

Fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżulta li l-pussess tutelat mill-liġi għall-fini ta' kawża bħal din ma ġiex sodisfaċentement ippruvat u għalhekk fin-nuqqas ta' element daqstant essenzjali, din il-kawża ma tistax tirnexxi.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------